MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 59/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Mario Vella, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 375062M talli f'dawn il-Gżejjer matul dawn l-aħħar snin b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra, sabiex iġġiegħel titwemmen l-esistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qligħ b'qerq li jammonta għal Lm40,000 għad-

dannu tas-soċjetà Float Glass Company Ltd., Joseph Zammit, u persuni oħra;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tad-19 ta’ Jannar 2012, li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mario Vella ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni bl-aggravju tal-ammont u, wara li rat l-artikoli 308 u 310(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi zmien tliet snin.

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-8 ta’ Frar 2012 fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata u dana billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet ħtija fil-konfront tal-appellat, tħassarha u tirrevokaha fejn l-appellat ġie lliberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin u minflok tinfliġġi piena idonea skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; rat ir-risposta ta’ l-appellat ippreżentata fis-6 ta’ Frar 2013; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Fl-ewwel lok jiġi osservat illi l-appellat eċċepixxa fin-nota responsiva tiegħu l-irritwalita` u nullita` ta’ l-appell ta’ l-Avukat Ġenerali “in kwantu dan l-appell sar a bażi ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(ċ) tal-Kap. 9”. L-appellat pero` m’għandux raġun peress illi bis-saħħa ta’ l-artikolu 413(1)(ċ), l-Avukat Ġenerali jista’ jappella fil-każijiet kollha li m’għandhomx x’jaqsmu ma’ proċeduri sommarji għal reati li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali taħt l-artikolu 370(1), jiġifieri jista’ jappella f’dawk il-każijiet li ma jaqgħux taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali. Ir-reati addebitati lill-appellat ma jaqgħux taħt dik il-kompetenza oriġinali, u għalhekk l-Avukat Ġenerali seta’ jappella mis-sentenza tad-19 ta’ Jannar 2012. Kwindi dan il-preġudizzjali ta’ l-appellat huwa miċħud.

**6.** Issa, l-aggravji ta’ l-Avukat Ġenerali huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti erogat piena illi mhix idoneja skond iċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz; (2) li l-ewwel Qorti naqset milli tapplika l-artikolu 23B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

7**.** Dwar l-ewwel aggravju l-Avukat Ġenerali jgħid illi fil-fehma tiegħu il-‘piena’ li ġiet inflitta fuq l-appellat ma kinitx waħda idoneja u xierqa meta wieħed jikkunsidra s-serjeta` tar-reat illi l-appellat instab ħati li wettaq. Dan huwa kaz fejn l-appellat instab ħati ta’ truffa bl-aggravju tal-ammont u l-ammont huwa dak ta’ Lm 40,000 u preċiżament EUR 93,174.79. Nonostante dan, l-ewwel Qorti lliberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin. Fil-fehma ta’ l-Avukat Ġenerali, il-‘conditional discharge’ għal tliet snin hija oġġettivament żbaljata għal dan il-każ. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel Qorti speċifikat illi erogat din il-piena għaliex l-appellat kien *a first time offender* u għax x’aktarx għamel dak li għamel għaliex emmen li kien ġie preċedentement ingannat fuq l-istess spizerija. L-Avukat Ġenerali jissottometti illi mill-atti joħroġ ċar illi l-intenzjoni kriminali kienet ċara u premeditata u anke jekk l-appellat, kif qalet l-ewwel Qorti, ‘għamel dak li għamel il-għaliex emmen li kien ġie preċedentement ingannat fuq l-istess spiżerija’, dan la jiskaġunah, tant illi l-ewwel Qorti sabet ħtija fl-aġir tiegħu, u oltre minn dan anke jekk fil-verita` l-appellat kien ġie preċedentement ingannat, ma kellu qatt jinganna lil ħaddieħor. Wieħed għandu jqis ukoll l-ammont ta’ flus illi l-vittma ħallas lill-appellat sabiex jikri l-ispiżerija mingħandu. Id-disposizzjoni tal-liġi li tikkontempla r-reat kif addebitat lill-appellat tkompli turi kemm hu wieħed ta’ natura serja tant illi l-piena massima li wieħed jista jeħel ġaladarba jinstab ħati hija dik ta’ seba snin priġunerija. L-Avukat Ġenerali jgħid ukoll illi għalkemm il-piena hi fil-parametri tal-liġi, hija nieqsa mill-element neċessarju ta’ proporzjonalita` ghax wisq miti a favur l-appellat. Inoltre l-ewwel Qorti lanqas ħadet in konsiderazzjoni l-interess tal-vittma. Skond l-Avukat Ġenerali fil-każ preżenti ma hemmx ċirkostanzi partikolari li minħabba fihom kien jimmerita l-għoti ta’ *conditional discharge*.

**8.** In materja ta’ piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat, jew, fil-każ ta’ appell mill-Avukat Ġenerali, differenti minn dik li tkun inghatat[1].

**9.** Issa, bħalma jgħid l-Avukat Ġenerali, il-“piena” mogħtija f’dan il-każ hi fil-parametri tal-liġi. Difatti s-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi:

**“Meta qorti li fiha persuna tiġi dikjarata ħatja ta’ reat (li ma jkunx reat punibbli biss b’multa jew *ammenda*, u li ma jkunx reat li minbarra żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija jew dikjarazzjonijiet preċedenti ta’ ħtija, ikun punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba’ snin) jkollha l-fehma li, fil-qies taċ-cirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u dik l-ordni ta’ probation, ordni ta’ servizz fil-komunità jew ordni ta’ *probation* u servizz ma jkunux adatti, l-qorti tista’ tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati għal kollox, jew, jekk il-qorti tkun hekk taħsibha, billi tillibera lill-ħati bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat matul dak il-perjodu, li ma jkunx iżjed minn tliet snin mid-data ta’ l-ordni, skond ma jiġi speċifikat fl-istess ordni.”**

**10.** Evidentement l-ewwel Qorti kienet għexet il-każ kollu u għalhekk setgħet tieħu qies taċ-ċirkostanzi kollha, inkluż ix-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati. Din il-Qorti eżaminat il-provi prodotti kif ukoll is-sottomissjonijet magħmula mill-appellat fin-nota responsiva msemmija tiegħu u tosserva illi bejn l-appellat u l-*parte civile* hemm proċeduri ċivili li għandhom iwasslu għas-soluzzjoni tal-vertenzi bejniethom. Issa, il-*conditional discharge* hija miżura permissibbli mil-liġi fil-każ odjern. Hija miżura li

[1] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

tikkostitwixxi deterrent sostanzjali peress illi l-appellat jaf illi jekk fil-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata jikkommetti reat ieħor, allura jkun jista' jingħata sentenza għar-reat li tiegħu nstab ħati mill-ewwel Qorti. Barra minn hekk mill-fedina penali aġġornata tiegħu jidher, almenu *prima facie*, illi fl-20 ta' Ottubru 2004 ġie kkundannat iħallas multa ta' Lm100 minħabba disprezz lill-Qorti u fl-20 ta' Gunju 2007 ġie kkundannat R & A dwar ksur kontravvenzjonali ta' l-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri l-appellat mhuwiex persuna ta' kondotta refrattarja. Di piu` waqt sottomissjonijiet verbali quddiem din il-Qorti, ir-rappreżentant ta' l-Avukat Ġenerali stqarr illi l-appell sar prinċipalment minħabba t-tieni aggravju. Meħudin dawn iċ-ċirkostanzi kollha flimkien, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni biex tvarja d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti li tagħti lill-appellat *conditional discharge*. Għalhekk l-ewwel aggravju huwa miċħud.

**11.** Permezz tat-tieni aggravju l-Avukat Ġenerali jsostni illi l-ewwel Qorti kellha tapplika l-artikolu 23B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:

**"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti għandha, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti u b'żieda ma' kull penali li jista' jeħel korp magħqud taħt id-disposizzjonijiet talartikolu 121D, tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut minn min ikun insab ħati sew jekk mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi artikolu 121D."**

**12.** Skond l-artikolu 23A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta "reat rilevanti" jfisser:

**"kull reat li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja ħlief għal delitt taħt l-Ordinanzi jew taħt l-Att, li għalih tista' tingħata l-piena ta' priġunerija jew ta' detenzjoni għal żmien iktar minn sena."**

Jiġifieri r-reat hawn in kwistjoni huwa meqjus bħala “reat rilevanti” għall-finijiet ta’ l-artikolu 23B(1) ċitat mill-Avukat Ġenerali. Dak, pero`, li naqas li josserva l-Avukat Ġenerali hu li l-artikoli msemmija ddahhlu fil-Kodiċi Kriminali bis-saħħa ta’ l-Att III tas-sena 2002 u ġew *in vigore* fl-1 ta’ Mejju 2002 bis-saħħa ta’ l-Avviż Legali 94 tas-sena 2002. Il-proċeduri odjerni jirreferu għal żminijiet li janteċedu s-6 ta’ Jannar 2000 (id-data li fiha ġiet reġistrata ċ-ċitazzjoni fl-atti tal-Qorti), u għalhekk janteċedu d-data li fiha l-imsemmijin artikoli saru parti integrali mill-Kodiċi Kriminali.

**13.** M’hemmx dubju li l-konfiska kontemplata fl-artikolu 23B(1) imsemmi tikkostitwixxi “piena”. Issa, l-artikolu 27 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta jipprovdi:

**“Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.”**

Konsegwentement fil-każ odjern ma jistax jiġi applikat l-artikolu 23B(1) imsemmi, u b’hekk anke t-tieni aggravju ta’ l-Avukat Ġenerali huwa miċħud.

**14.** Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b’dan li l-perijodu ta’ tliet snin ta’ liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti, a tenur ta’ l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk huwa jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, ikun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------